



10.12.2012

0038/2012

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-għoti ta' spinta lit-turiżmu nawtiku fl-Unjoni Ewropea

**Nuno Teixeira, Izaskun Bilbao Barandica, Carlo Fidanza,
Silvia-Adriana Țicău, Giommara Uggias**

Data ta' skadenza: 14.3.2013

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-għoti ta' spinta lit-turiżmu nawtiku fl-Unjoni Ewropea

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Artikolu 195 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-Unjoni għandha tikkomplementa l-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tat-turiżmu, b' mod partikolari billi tippromwovi l-kompetittività tal-impriżi tal-Unjoni f'dan is-settur.
- B. billi l-Ewropa hija l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja, u billi ġie stabbilit qafas politiku ġdid għat-turiżmu fil-livell tal-UE, li fih il-Parlament jassumi kompetenzi ġodda u li joħloq Task Force tat-Turiżmu, sabiex tizzied il-kompetittività u l-kapaċità għat-tkabbir sostenibbli ta' dan is-settur;
- C. billi l-oċeani, l-ibħra, ix-xmajjar, l-ilmijiet interni u l-passaġġi fuq l-ilma tal-UE jippossjedu potenzjal enormi għat-turiżmu nawtiku, li għandu jiġi żviluppat fi ħdan il-politiki u l-azzjonijiet futuri tal-UE;
 1. Jinnota li l-għan li jiġi żgurat li l-Ewropa tibqa' l-iktar destinazzjoni turistika popolari fid-dinja għandu jinkiseb permezz ta' promozzjoni aktar qawwija tal-akbar assi tat-turiżmu nawtiku tagħha sabiex tissaħħaħ l-immaġni tal-UE fl-livell globali u sabiex numru ta' turisti barranin jiġu mħajra iżuruha;
 2. Jenfasizza li t-turiżmu nawtiku jipprovdi opportunità biex tingħata spinta lill-portijiet esterni u interni tal-UE u biex jissaħħu t-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp taż-żoni tas-sajd kostali, l-impjiegi u l-attivitajiet kummerċjali, bħall-industrija tal-kruċieri, il-jottijiet u l-marinas;
 3. Ifakkar fl-importanza tal-inizjattiva tat-Tkabbir Blu fit-turiżmu nawtiku u jenfasizza r-rwol tiegħu fil-promozzjoni tal-attivitajiet ta' divertiment u l-isport, bħas-surfing, il-bodyboarding, il-kitesurfing, it-tbaħħir, l-għadis u s-sajd rikreattiv;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.